# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, is-27 TA MEJJU, 1913. Nru. 66.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Boloħ conna.........

U boloħ ghadna. Iżda mhux daŭc li ma jafux ħlief bil Malti, daŭc li, chif jidhrilha il *Gazetta di Malta*, ma ghandhomx icunu jafu x'kieghed isir f'daŭn il Gżejjer, ghax m'hix ħlief tħanbak li ghandu jinkered ghal-collox il Malti—le, mhux daŭc huma il boloħ! Il boloħ, din id-darba, huma il Ghorrief li, moħbijin taħt ħafna lakmijet gŭappi, taħt l'ismijet karrieka ta Chittieba li ilhom il mijet ta snin fil kabar, iridu, bħalma ighidu it-Taljani, jorbtu il carettun kuddiem u il ħmar ŭara!

Araŭ hux hecc! Sa 's-sitta ta mejju, disa' ti jem sħaħ fuk li sar il Cungress Eŭcaristicu, ħadd ma tniffes mil Ghorrief li tkanklu issa, ħadd ma chienet gietu f'moħħu li jixrak tibka *Tifchira* (bit-Taljan ighidulha *Monument*—imm'aħna bil Malti ma nsejjħux *Monument* ħlief ŭaħda mil vâri tal Gimgha il Cbira) *Tifchira tal Cungress Eŭcaristicu:* iżda, malli il *Ħabib* ħareġ l'eŭŭel ŭieħed biha, malli il *Ħabib* kâl li jaħtieġ titŭakkaf colonna tar-rħam cbira, jeŭ fejn chienet it-*Tribuna* seŭŭa, jeŭ fil krib chemm jista icun minn fejn chienet, colonna bi *Scrizzjóni(Chitba)* li tibka tfaccar lil min jigi ŭarajna fil *Cungress Eŭcaristicu ta Malta*, u żied ucoll li flus żejjda biex issir hemm chemxa ġmielha; minn dic is-siegha il chittieba tal *Gazzetta di Malta*, ghad li b'ŭiċċhom dejjem mghotti, bdeŭ ħiergin mil bejtiet taħħom, cull-ħadd ighid ŭaħda, cull-ħadd jakta minn żniedu u jati!

Ghâdna ma nafux il Cumitat Esecuttiv jindaħalx biex iŭakkaf hu din it-*Tifchira*! Ghâdna ma nafux, jecc hu ma jindaħalx, haŭnx min irid jindaħal f'lôcu u il Capijet tal Cnisja u tal Gvern icunx joghġobhom! Ghâdna ma nafux jecc il Gvern jatiniex inŭakkfu fit-triek dic it-*Tifchira*; u, jecc jatina, bħalma nittamaŭ, jatiniex inŭakkfuha fejn chienet it-*Tribuna* jeŭ fil krib, imma f'dic il fetħa ta kuddiem il Mall! Ghâdna ma nafux jecc ghandha issir *Colonna*, jeŭ *Tribuna tar-rħam*, jeŭ *Statŭa*, jeŭ xi ħaġa cbira oħra! Ghâdna ma nafux din it-*Tifchira*, tcun xi tcun, chemm tigi tisŭa! U il flus li jonksu chif jingemghu! U min icun jaghmel minnhom! Ghâdna ma nafux, f'chelma ŭaħda, chif, u mita, u fejn, u min sejjer jaħseb ghal din it-*Tifchira!* Inkas ghâdna nafu hix sejjra issir tas-seŭ! U il Ghorrief li kieghdin iżommu il Malta fuk ŭiċċ idejhom, il Ghorrief li, chif jidhrilhom huma, min ma jaħsibhiex bħalhom, min ma jokghodx ghalihom, m'hux ħlief *ħmar, karriek, mibjuħ, ghadu tal Cnisja u ta Malta,* daŭn il Ghorrief, li m'haŭnx ħliefhom irgiel, (*) diġà, b'*serietà l'iżjed cbira* u bi ħrara tal ghageb, kieghdin jiġgieldu *fuk chif ghandha tcun li Scrizzjoni!*

Ighidu li *Gaħan*, kabel ma bida iniedi, xtara sidrija tal bellus biex ilibbisha ll'ibnu il cbir mita jitfarfar u icun irid imur San Ghirgor mieghu!

Ŭieħed mil Ghorrief irid li *Scrizzjoni* bil Latin! Ieħor iridha bit-Taljan, ghax dac il lsien ta Malta! U ieħor, biex ma jicser kalb ħadd, iridha b'erba' *lingŭi* (bil Latin, bit-Taljan, bl'Ingliż u bil Malti!)

Boloħ conna.........

Nghidu ŭaħda seŭŭa u nibkghu biha. Jecc ma 'rridux indaħħcu in-nies bîna, li *Scrizzjoni* ghandha tcun ŭaħda, ghax il *Monument* m'hux *Lucanda*, li taghmel l'*Avviżi b'erba' lingŭi* biex tiftiehem mal parruċċjani collha: u il basla hi biss liema ghandha tcun *din il ŭaħda*. Minn ghalina, jidhrilna li tixrak bil Latin: u jecc il ghażla issir bil vôti, ghall Latin natuħ il vôt taghna. Imma bil Latin, jeŭ bit-Taljan, jeŭ bl'Ingliż, ghall Poplu xorta ŭaħda: il Poplu, jigifieri 95 fil 100 min-nies ta Malta collha, ma jifhimhiex ħlief jecc tcun bil Malti!

*Scrizzjoni* m'hix *Taħrica,* jeŭ *Ittra*, jeŭ *Aħbar ta chelb mitluf imŭaħħla mal cantunieri*: trid tcun mictuba bi ħsiebijet u ilsien ghôlja: bit-Taljan jeŭ bl'Ingliż, ghal daŭc li ma ghaddeŭx mill'Università dejjem tcun tkila, jecc mhux daks bil Latin, ftit inkas: u ebda ŭieħed mil *Ghorrief taghna* ma ghandu il ħila jurina li ghaddeŭ mill'Università actar minn ħamsa fil mija min-nies ta Malta u Ghaŭdex!

Xtakna li ma chienx hecc: imma, ja ħasra!, hecc hu!

Mela, billi ma jixrakx nuru xturna lill barranin, mita, ŭara daŭc il ħŭejjeġ collha li ghad irridu nitħâbtu maħħom, naslu, bil ghajnuna t'Alla, ghall li *Scrizzjoni*, inħallu il Malti fil genb, iżda mieghu inŭarrbu ucoll it-Taljan u l'Ingliż u naghmluha bil Latin mill'eŭŭel.

(*) Inkas is-Sur Fons Galea ma hu ragel ghalihom, ghax, imħabba daŭc il flus cbar li kieghed jakla mil *Moghdija taż-żmien*, bieħ il Pajjiżu, bħalma beghniħ aħna, mħabba il flus li kieghdin nakalghu mil *Ħabib*. Iva: min iŭebbes rasu li ghandu jiftaħ ghajnejn il Maltin bil Malti, jeŭ hu *ħmar*, jeŭ *bil ġuħ*, jeŭ *karriek*, jeŭ *mixtri mil Gvern!* In-nies ta Malta jaħtieġ jifhmu bit-Taljan collha, jaħtieġ il Malti jinkered minn Malta (la tidħcux!), ghax aħna Skallin! Il gażiba hi li nofs li Skallin jeŭ actar ma jafux bit-Taljan bħalna, ghalavolja il Chittieba cbar ighidu li it-Taljan ħareġ mil li Skalli, mhux li Skalli mit-Taljan: u ghalhecc li Skalli hu *lingŭa*, mhux *dijalett*, chif sejjħulu il Ghorrief taghna, (*lingŭa*, bħalma *lingŭa* hu il *Malti*). Iżda, mita marru ħafna Skallin jixhdu kuddiem Korti tal Italja (Torinu), li Mħallfin chellhom ighajjtu *Interpreti (Fissier)* Skalli, ghax ma setghux jifthemu bit-Taljan bejniethom! Hux minnu?....

## COLLOX HU!

Gie f'idejja, lbieraħ, imma kaluli li ilu maħruġ xi tliet gimghat, ctieb ħelu ŭisk! Niftehmu seŭŭa: nghidulu ctieb ghax il chelma iggib hecc, iżda m'hux ghajr ġabra ċchejcna—ċchejcna ħafna—ta ftit xoghlijet (ftit ŭisk) tas-Sur Alfredu Bartoli, (Taljan li ighix haŭn Malta).

Dan li Mghallem tal ilsna ŭira fil ctieb żghir tieghu chemm jaf bil-Latin, u bit-Taljan, u bil Grieg, u bil Franciż, u b'li

Spanjol! U jen nifrañlu b'kalbi collha! Imma il gażiba hi li hu ried juri ucoll chemm jaf bil Malti: u bil Malti ma jaf xejn.

Ix-xhieda li ma jaf xejn bil Malti kieghda fil ctieb tieghu stess: u chiecu sab min ifissirlu seŭŭa dac li gieb fiħ minn tas-Sur Bertu Cesareo, ma chienx jinkabad hecc malajr li hu ipaspar cull-ma ibellghulu fuk il Malti, biex *taparsi jifhem f'collox.*

Biex juri chemm cliem taljan jidħol fil Malti, gieb din il ħrafa, imlakkta ghaliħ minn xi ŭieħed li ried iżeffnu ftit, ħrafa imkanżħa minn fuk s'isfel, li jecc jakraha lil tifel ghadu b'ħalib ommu fi snienu, ghandu jintebaħ li hi minsuġa ħażin biex tghatti ix-xemx bil gharbiel.

Akraŭha intom ucoll:

«Signur frustier pulit, *b'* cappel *tal* feltrtu *u* frosta, *ghadda miu* (1) strada Riali, *xtàra* tabacchiera *u* sold carta *ta* l'ittri, *mar* il Palazz *tal* Gvernatur, irregula l'arlogg, *tala fuk u dhall*(2) *fil* camra *tal* Consil,*ra* l'arazzi, *ghadda mil* curritur *ghas*-sala *tal'*armeria, *ra* il canuni, il bombi, l'elmi, l'armaturi, il bandieri, *it* tambur, *it* trumbetta *ta* ritirata *ta* l'Ordni *miu* Rodi, *ir*-ritrat (3) originali *ta* Wiguancourt, *tal* pittur Caravaggio, *u* il carozza *tal* gala *tal* Gran Mastri *u Kal*: Malta *zgheira im*-ma famusa *fl'*istoria specialment *taħt* il Cavalieri.»

Imma is-Sur Bartoli, ŭara dan it-Taljan collu, jaf ighidli chemm il chelma hemm bit-Taljan f'din il chitba tas-Sur Bertu Cesareo, li hu gieb fl'intejfa ta ctieb tieghu? Din il chitba ghandha tcun ghoġbitu ħafna, ghax ħâdha mil *Habib* u keghdha bejn il Latin tal Professur Sciberras u tal Professur Nisi.

Akraŭha seŭŭa:—

«*Gesù maħbub*
*li ghobġoc taħtar din l-art*
*sabiex fukha*
*ixxerred il ghâna tal ħniena tieghec*
*kima natuc*
*u minn kieħ klubna niżżuc ħajr*
*ghall gieħ cbir li gibtilna.*

* *
*

*Iżżejjen*
*bil bjuda taż-żahar*
*bil ħmura tal ŭard mfaħħar*
*ifraħ tas-seŭ*
*gżira ċchejcna msemmija*
*xorti bħal tal-lum*
*sa tibka tiddi ix-xemx*
*katt ma tintesa.*

A. Cesareo.»

Ebda chelma bit-Taljan, ghajr *xorti*!

Is-Sur Bartoli (jeŭ, nghidu aħjar, min ġarrfu) ġralu bħal dac il ħabib li mar biex jati xebgha u kalaħha!

Is-Sur Bertu Cesareo jigi bin is-Sur Paŭl, li tà lis-Sur Bartoli il ghadd ta chemm cliem taljan sâb s'issa fl'ittri mill'*A* sa 'l *L* tal Malti! U jen naf li is-Sur Paŭl.... ighodd tajjeb!

Iżda, ħrafa bi ħrafa, nictiblu din:—

«Ŭieħed raħli, minn ħal Safi, b'katta tiben fuk genbu u ħatar f'idu, ghadda minn triek imŭarrba, daħal f'ħanut, chiel chisra ħobż, xorob b'sitta inbid, *ra x'ħin hu*, mar firraba ta ħatnu, tala fil ghorfa, kabad il moħriet, niżel biħ isfel, ghadda minn ħdejn iddŭejra ta ħuħ, lemaħ hemm katgha ghasafar fuk is-siġar tat-tin, naffarhom, ħareġ il bakra mil makiel, rabatha bil bieka u kabel ma kabad jaħrat kaghad jara l'uċuħ f'hiex in huma: il kamħ u ix-xghir chienu ŭaslu ghall ħsad, imma il ŭidna chienet ghadha ħadra; u, billi lemaħ il ġar taħħom kieghed jaghżak fil ghalka ta ħdejhom, kâl, bejnu u bejn ruħu: Dan ghamel il flus malajr, iżda Malta żghira u in-nies maghrufa, l'actar haŭn, fejn nafu ilcoll il xulxin.»

Chemm il chelma bit-Taljan fiha din il ħrafa tieghi (imkanżħa ucoll, iżda mhux daks tieghu)?....

Mela, nitchellmu seŭŭa: is-Sur Bartoli jaf ħafna bil Latin u bit-Taljan: u ghandu icun jaf ucoll bil Grieg, bil Franciż u b'li Spanjol (dan ma naħelfux, ghax ma nindaħalx fejn ma jesaghnix): iżda bil Malti ma jaf xejn, xejn u xejn. U min irid jiżżattat f'collox, iħassibni ħażin fil bkija!

Jecc, imbaghd, jidhirlu li haŭn Malta *collox hu*, li *minghajru ma conniex nies*, jista isib min jokoghdlu, iżda min iħobb tas-seŭ din il Gżira ma jokoghdlux!

U saħħa ŭisk. N. N.

(1) *Miu* b'li Skalli jeŭ *minn*? *Da* tinchiteb u tinkara *minn*: *min* tfisser *chi*, mhux *da*.

(2) Ried ighid *daħal*: imma la il Professur Bartoli u inkas li Stampatur ta Catanja, fejn sâr ix-xoghol (donnu Malta m'haŭnx min jaf jaħdem ŭisk aħjar) ma jafu bil Malti.

(3) Donnu inkas bit-Taljan ma jaf jicteb seŭŭa min ħarbex din il ħrafa: messu jicteb *cappell* u *ritratt*, bit-Taljan u bil Malti.

Id-Direzzjoni.

# Ma dûar il Gżira.

Nhar is-sibt li ghadda, l'*Unjoni Cattolica*, ftit ġranet fuk gheluk is-sena li tŭakkfet, ħarget l'eŭŭel ghajnuna lil ŭieħed mill'Imsieħbin taħħa, li jinsab marid. Ir-*Regulamenti tal Unjoni Cattolica* ighidu li l'Imsieħeb icollu il jedd ghall ghajnuna ŭara li icun ilu fiha sena: u chif dan seħħ, l'*Unjoni* bdiet taghmel dmirha ma l'eŭŭel ŭieħed li giè bżonnha. Barra mit-Tabib (il Cavalier Dottur Grech Ellul) u il medicini b'xejn, dan il marid kieghed jieħu xelin u nofs cull jum, bl'ghaxar ti jem kuddiem, chif xtieket il familja tieghu, ghax l'*Unjoni* riedet tati kuddiem ta xahar sħiħ. Il ġurnata tal *Empire Day* tas-sena 1913 tibka tissemma fil Cotba tal *Unjoni Cattolica*, ghax fiha ghamlet l'eŭŭel dmir taħħa ma *Msieħeb marid* li giè bżonnha.—Kabel dan, chien mghajjat li stess Tabib tal *Unjoni* li semmejna issa biex jara Msieħeb ieħor marid: u il familja tieghu ferħet ħafna biħ u radditlu ħajr cbir, mhux biss ghax ŭiegeb malajr ghas-sejħa, imma ucoll ghax kalilha x'chienet il marda, ŭara tant żmien li chienet ilha fuk il maħbub taħħa u ried saħansitra, fl'isem tal *Unjoni*, iħallilha xi flus ghall bżonnijet tal ghaġla: imma il meŭt chienet fil krib: u l'*Unjoni*, li ma laħketx taħsiblu ghall gismu, kieghda taħsiblu ghal ruħu, ghax kieghda taghmillu il kuddies, chif ighidu ir-Regulamenti.

—Niżżu-ħajr lir-Reverendu Dun Giŭżepp Farrugia u lis-Sur Ġanni Sapiano Lanzon, li ghoġobhom jibaghtulna l'eŭŭel ŭieħed poeżija sabiħa bil malti, mictuba ghall *Festa ta Santu Corp*, u l'ieħor *Ġrajja ta Malta*, imsejjħa *L'imħabba ta Ġiuseppi u Amelia*, mictuba tajjeb ferm!

—Niżżu-ħajr ucoll lis-Sur Tancredi Borġ, li tâna *Cartolina tal Cungress* mill'isbaħ li geŭ f'idejna (fiha il *Bassu-riliev* tal famus Bernini, li jinsab fl'artal maggjur ta *San Ġŭann*; u lis-Sur Giŭseppi Vassall, ta ħal Balzan, li baghtilna *Cartolina* oħra tal *Cungress*, b'disinn tieghu.

—Il gimgha id-dieħla, nibdeŭ ingibu xi *Tifchiriet fuk li Storja ta Malta*, maħdumin ghall Habib mis-Sinjurina Anjese Schembri. L'isem taħħa hu biż-żejjed, ghax tchellimna fukha actar minn darba; u l'imsieħbin taghna jafu xi trodd bil pinna.

—Monsinjur minn Ghaŭdex, li ghandna ghaliħ kima cbira, ŭeghdna ucoll li jictbilna ghall ħarġa li gejja xi *Tifsir fuk il Processjoni tas-Sagrament u tal Kalb Imkaddsa ta Gesù*. Ma naraŭx is-siegha li tasal il chitba tieghu f'idejna u nittamaŭ li jatina issensja noħorġuha b'ismu sħiħ, ghax icun ta gieħ ghall *Habib* u ghalina.

—Fuk il *Ŭirja ta Pitturi tal Maltin*, li, bħalma ħabbarna, fetħet is-sibt li ghadda, nitchellmu fl'eŭŭel dehra tal *Habib*, ghax illum nakasna il ŭisa. Mħabba f'hecc, chellna nħallu ucoll ghal darb'oħra ittra sabiħa li gietna mil Canada, ghad li hi diġà stampata u lesta ghall ħruġ.

—Is-Sur Cicc Penza, ħu Monsinjur Penza, ircieva minn Aŭgusta (Skallija) *Cartolina tal Cungress iaghna* (b'San Paŭl, ritratt tal vâra famusa ta Gafà, fuk il Port il Cbir), maħduma Milanu. Ghoġbu jatihielna: u niżżuħ-ħajr ferm, ghax tas-seŭ li hi tifchira ghażiża, seŭŭa ghall'idija taħħa u seŭŭa ghassengha cbira li saret biha.

—Ghada, l'erbgha, fil 5 u nofs, is-Sur Calleja, ŭieħed mil passiggieri Maltin tal Argiel li haŭn Malta, ghandu jaghmel *Cunferenza* bil Malti, fil *Culleġġ Flores*. Dħul b'xejn, ghal cull-ħadd. Chellhom bżonn imorru jisimghuħ daŭc collha li ghamlu bl'icraħ ghall Malti minghajr ma jafuħ. Is-Sur Calleja, li gira ŭisk mad-dinja, ilu niekes minn haŭn snin cbar u jaf b'ħafna ilsna.

—Fuk il premju li tħajjar biex jati is-Sur *G. G.anni*, nitchellmu f'ghadd ieħor.

—Akraŭ din l'aħbar, li klibna bil Malti mil *Corriere di Sicilia* ta nhar is-sibt li ghadda:—

«Il Cardinal Ferrata, li, fil Cungress Eŭcaristicu, kala minn ghand il Cleru u il Poplu ta Malta Calci tad-deheb, collu micsi bil ħaġar prezzjus. Calci sabiħ ŭisk (*magnifico*), deherlu li jixrak jati dac ir-rigal lill'Arci-Bażilica ta San Ġŭann Lateranu, li taħħa daŭn il ġranet giè mil Papa maghmul Arcipriet. Sbiħ il gimgha, f'li stess ħin li chien kieghed jieħu il pussess tal Cnisja, tà dac il Calci tant ghâni lir-Reverendissimu Capitlu, biex jibka merfuħ fit-teżor tal Arci-Bażilica.

«Hu deherlu li il Cleru u il Poplu ta Malta jieħdu gost li ir-rigal taħħom jigi moghti Minnu lil dic il Cnisja li hi ir-Ras u l'Omm tal Cnejjes collha tad-dinja: Cnisja imsemmija ghall Feddej Imkaddes Alla, li ħallielna il Misteru Ghażiż tal Eŭcaristija, li il Poplu ta Malta, ftit ġranet ilu, taha xhieda cbira ta kima, xhieda tal-ghageb, li katt ma tintesa.

«Dac il Calci iżomm ghal-dejjem ittifchira tal cbir u rebbieħ Cungress ta Malta: u cull darba li il Cardinal ikaddes fl'Arci-Bażilica, ikaddes biħ u jitlob ll'Alla gharriżk tal Poplu Malti, li f'cull żmien tà xhiediet jiddu tal Fidi tieghu, tal gibda li ghandu lejn il Cnisja ta Ruma u fuk collox tal kima li biha hu mixghul ghall'Imkaddsa Eŭcaristija.»

Mita il barranin jitchellmu hecc fuk Pajjiżna, aħna nħossu-ruħna kieghdin nitfarrġu.

—Nhar il gimgha, f'*San Ġŭann*, issir, bħâl dâri, il festa tal Kalb Imkaddsa ta Gesù—festa ta devozzjoni cbira, li tiġbed bosta nies.

FRAC TAD-DEHEB.

Fil 20 ta novembru li ghadda, is-Sur Tristan, Professur fil Culleġġ Reali ta Newcastle, minn Protestant sar Cattolicu fil Cnisja tad-Dumnicani ta dic il belt.

## Lettura bil Malti.

Nhar il Gimgħa li għaddiet, chif chien ħabbar il *Habib* tal 20 ta da x-xhar, fl' *Unjoni Cattolica* saret *Lettura Popolari* fuk Venezja mill maħbub *Direttur* tagħna. Ismu, cont naħseb, li chien biżżejjed biex jiġbed ħafna nies, għax minn għand is-Sur Ġużè bil jedd collu chien ŭieħed jista' jistenna' xi ħaġa sabiħa, billi, minn barra li jinkala' tajjeb bil Malti, li jifhmu collħadd, jaf ucoll ikiegħed il cliem, li ma ixabbghecx tisimgħu. U hecc chien tabilħakk. Dam siegħa igħid, imma għaddiet bħal berka. Minn belt għal oħra tal Italja, jurina l'akŭa u l'isbaħ *monumenti* ta coll ŭaħda, ŭassalna Venezja, biex jurina li din ma għandha xejn minn daŭc, imma collma fiha, cnejjes, triekat, piazez, palazzi, draŭŭiet huma ta għamla u gost ieħor minn tal bkija tal Italja. Hemm ma hemmx żŭiemel ħlief l'erbagħ tal bronż ta fuk il faċċata ta San Marc; it-triekat huma *canali* tal baħar, il carrozzi il gondli, li jersku sa fuk il għadba tal palazzi, il mogħdijet minn banda għal oħra tal belt il mijjet tal pontijet; il cnejjes u il palazzi kishom tal bizzilla. U dan rajnieħ collu fuk il liżar bil *Projjezzjoni fissi*, li chienu actar minn sebgħejn, u ŭaħda isbaħ mill oħra. U's-Sur Ġużè, li għaraf jagħżilhom, bi cliemu nessiena li conna kiegħdin naraŭ biss, u ma conniex tabilħakk f'dic il piazza, jeŭ kuddiem dic il cnisja, jeŭ naksmu fuk gondla *Canal Grande*, nitghaxxku bil ġmiel ta daŭc il palazzi li għandu mgħal ġnub tiegħu. Ŭara li spiċċa, ħafna daħlu jatuħ il *prosit*, u chien ħakku tasseŭ, mux biss, imma ureŭħ ucoll ix-xeŭka li jarġa' itenni il *Lettura*, għal gost cbir li ħadu jisimgħuha. Jien ningħakad magħhom biex nifraħ lis-Sur Ġużè, li dejjem fittex li jgħallem il poplu, u għalhecc għożż dejjem il Malti, u biex nizżih-hajr tas-siegħa li għaddielna, u flaħbar nitolbu li jarġa', il Hamis li gejj, isammgħalna il *Lettura*, għax għajb, biċċa xogħol bħal dic saret għal sittin ruħ biss. Jecc jinhiex nghid seŭŭa, ejjeŭ isimgħu u mbagħad għiduli.

DUN PAŬL.

## Unjoni Cattolica.

AĦBARIJET.

Nhar il ħamis li gej, 29 ta Mejju, fis-7 u nofs ta fil għaxija, is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi, mistieden mil Cumitat, jarġa jagħmel il *Lettura* fuk Venezja, għax bosta nies, li ma setgħux imorru għaliha l'eŭŭel darba, talbu li targa issir.

Nhar il ħadd, l'eŭŭel ta Ġunju, fil 10 u nofs ta fil għodu, Seduta Generali tal importanza.

26. 5. 13.

Dr. Enricu Frendo,
Segretarju.

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Is-suffraġisti għadhom ma xebgħux: insabu ħames bombi oħra, qŭasi collha bla miċċa. Donnhom iridu ibeżżgħu minghajr ma jagħmlu ħsara fil ħajja tal bniedmin.

Il Pulizija irciviet aħbar li hemm fosthom ftehima li għandhom jisirku żeŭġ tfal tal ministru Churchill, ta sentejn u erba' snin: għaldakstant huma dejjem joħorġu mgħassin mil Pulizija.

Ir-Re Giorġ, flimchien mar-Regina, jinsabu f'Berlin għaż-żŭieġ ta bint l'Imperatur tal Germanja: chellhom lakgħa cbira ŭisk mill-l'Imperatur. Għall'occażjoni ta dana it-tieġ, l'Imperatur ħeles mil calzri iż-żeŭġ fizzjali li chienu iccundannati għal spjunaġġ.

*Ruma*—Is-saħħa tal Papa għadha tcompli dejjem tajjba: fost l'oħrajn Hu ircieva f'udienza privata il Monsinjur Clune, Iskof ta Perth, li chien haŭn fostna għall Cungress Eŭcaristicu. Il Papa urieħ interess cbir għall ħŭejjeġ tal Cnisja fl'Aŭstralja u ftaħar miegħu għat-tixrid tar-Religjon Cattolica hemm u għall cbira libertà tal Cnisja taħt il Gvern Ingliż. Monsinjur Clune, ŭara l'udienza, iddichiara li il Papa hu tant tajjeb li ankas ma għadu *convalexxenti*, imma mfejjak għal collox.

*Germanja*—F'Johaunisthal, ħdejn Berlin, areoplan immexxi mil Captan Juker u ġuvnott, ħabat ma ieħor li chellu fuku certu Schlesder. It-tnejn ŭakgħu fl'art u saru frac. Il Captan Juker baka mejjet mal ħabta u il ġuvnott ġabruħ moribond. Schlesder chellu biss xi tfecchîc.

It-torpediniera *148*, ŭara il manuvri, daħlet fil port ta Heligoland bil bandiera mezz'asta, għaliex chien xcattalha il caldarun u fiera xi baħrin; erbgħa minnhom chienu kiegħdin imutu.

*Indja*—Il Pulizija, f'Bengal, arrestat 30 persuna rispettabbli ħafna għaliex chienu kiegħdin ixeŭŭxu contra l'Inghilterra: 17 minnhom igħaddu caŭża f'Bengal.

*Smirni*—Il vapur *Senegal* tal *Messageries* ħabat ma mina, li tajjritlu il pruŭa: giè irmuncat mal art. Għerku żeŭġ baħrin u tfajla torca.

*Ġappun*—L'Imperatur jinsab marid gravi b'infiammazzjoni tal pulmuni: jinsab imdaŭŭar bi tmin tobba.

*Benghażi*—It-Taljani, f'Sidi Garba u Ras-il-għajn, geŭ attaccati mil Għarab. Fil battalja, li fiha gira demm ŭisk, it-Taljani chellhom maktulin seba' fizzjali u 72 suldat; u għandhom 29 fizzjal u 250 suldat feruti.

L. M. C. G.

## IT-TIFLA TA MINISTRU PROTESTANT.

Ministru protestant, (Reverendu) missier ta familja u miġbud lejn il fidi nisranija, għax imkankal mil grazzja t'Alla, mar darba Londra ma tifla tiegħu, ta ħames snin (dan jirracontaħ il Cardinal Perrand.)

Il missier daħal mat-tifla fi cnisja tal insara (Cattolici.) It-tifla, meta rat il lampier ta kuddiem it-tabernaclu, staksiet lil missierha:—*Pà, dic il lampa għal fejn kiegħda tixgħel?*

—*Dic, binti, kiegħda hemm biex turi il presenza ta Gesù, li jinsab ŭara dic il bieba żgħira tad-deheb.*

—Papà, chemm xtakt naraħ il Gesù!

—Binti, il bieba magħluka: mbgħad, Hu kiegħed moħbi taħt xbiħa oħra, li inti ma tistax taraħ.

It-tifla tnehdet:

—Imma jena irrid chiecu nara il Gesù!

Harġu minn hemm flimchien u marru fi cnisja *riformista* (Protestanti).

F'dic il cnisja u la lampa u inkas tabernaclu.

—Papà, (staksiet it-tifla) għaliex haŭn ma għandhomx lampa?

—Binti, għaliex Gesù ma jinsabx haŭn.

Minn dac il mument it-tifla ma bdietx titħaddet ħlief fuk il cnisja nisranija (Cattolica), u ma rieditx tmur iżjed fil cnisja *riformista* (Protestanti).

—*Jena irrid immur* (bdiet tgħid) *fejn hemm Gesù.*

Il missier ħass bis-sħiħ li ħadd ma hu kiegħed tajjeb jecc ma hux fejn hemm Gesù, u ra li chellu bżonn *jabjura* (jigifieri jistkarr iż-żball tiegħu u jakleb magħna): imma jecc *jabjura* jigi jiftakar, għax jitlef benefizzju ta elf lira fis-sena, li biħom iżomm il familja tiegħu fil għâna.

Ma jimpurtax. Il missier, l'omm u it-tifla saru Cattolici, għaliex ħasseŭ, chif ħasset it-tifla, li hemm bżonn li jinsabu fejn hemm Gesù.

Illum il Ministru jinsab Cattolicu, fkir... *imma jinsab fejn hemm Gesù.*

Dr. Gustavu Busuttil.

## L'ICHEL U IX-XORB IŻ-ŻEJJED.

(*jakbad fuk il għadd 61.*)

| | Sieghat | u Minuti |
|---|---|---|
| Figel mgħolli irid biex igħaddi minn fuk li stoncu | 2 | 10 |
| Sugu misjur seŭŭa | 2 | — |
| Tisjir bil coċċli | 3 | — |
| Tisjir bil ħobż | 4 | — |
| Tjur mixŭija jeŭ mgħollija | 4 | — |
| Truf mgħollija (tal laħam) | 5 | 30 |
| Tuffieħ nofs sajran | 2 | 50 |
| Tuffieħ misjur | 1 | 30 |
| Ŭiżża grixtija mixŭija | 2 | — |
| Ŭiżża tad-djar mixŭija | 5 | — |
| Vitella moklija | 3 | 40 |
| Xgħir mgħolli | 2 | 5 |
| Xaħam tal bakra imdeŭŭeb ma tisjir ieħor | 5 | — |
| Xaħam tal ħaruf | 4 | — |
| Zalzett | 3 | 20 |
| Zunnarija | 3 | 30 |

Ŭara dan collu, ŭieħed għandu icun jaf, bħalma għidna kabel, li il clima għandu ŭisk setgħa fuk chif isajjar li stoncu u il ħin l'irid biex jgħaddi l'ichel. Iżda, biex li stoncu jitbattal seŭŭa u igħaddi fatra, dejjem irid minn erbgħa sa ħames sieghat u nofs.

Haŭn il ŭisk imsemmi Brillant-Savarin igħid li il laħam nej huŭa bil ŭisk aħjar għall ħaŭsla mil misjur. Għalhecc huŭa imur iċanfar liż-żakkekin li mħabba fil misħuta chirxa jagħmlu tant ħsara lill gisimhom. Huŭa igħid li chiecu il laħam nej ma chellux dac is-saram li jeħel ftit massnien, l'ankas huŭa ŭisk ħażin fit-togħma u ta min imakdru, l'actar jecc iżidlu dic in-niscata melħ. Isaħħaħ u iseddak il bniedem u igħaddi malajr minn fuk li stoncu.

Huŭa ikiegħed it-tagħlim tiegħu u biddieher imur ifiehem li actar ma 'l laħam jissajjar iżjed idum ma igħaddi, billi is-sajran jolkot ŭisk il ħŭejjeġ chimici li igħakduħ, billi inakksulu ŭisk mill'ilma tiegħu. B'hecc ma tantx icun jista, chif gieb u laħak, igħaddi minn fuk li stoncu malajr. Actar ma idum isir, iżjed idum ma' igħaddi. Jibka igħid ucoll u iġagħalna naraŭ b'għajnejna u immissu b'idejna li tliet t'eŭŭiek u nofs laħam taċ-ċanga nejja ibattlu għal-collox li stoncu f'sagħtejn; imfaŭŭrin, iridu sagħtejn u nofs; jecc imbagħd icunu mgħollijin seŭŭa, tliet siegħat; meta icunu nofs xiŭi, tliet siegħat ucoll; u meta icunu mixŭija seŭŭa, iridu biex igħaddu erba siegħat jeŭi żjed. Għalhecc bir-raġun collu imur imakdar iż-żakkekin li mħabba fit-togħma tal ichel tajjeb jagħmlu tant ħsara f'saħħithom.

Issa, ġa la darba aħna fiż-żifna, jaħtigilna ngħidu ucoll mn'hiex huma magħmulin xi ħŭejjeġ tal ichel chif titlob is-sengħa tal chimica, b'chemm fil mija huma mgħobbija b'din jeŭ b'dic il ħaġa, biex ŭieħed ictar icun jista iżomm ruħu bgħod minn xi ħŭejjeġ u jagħżel oħrajn li jistgħu iŭettkuħ u jatuħ kaŭŭa iżjed. (*Jissocta*)

Giuseppe Micallef-Goggi.

